MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Numru. 597/2003

Il-Pulizija
Spettur Edel Mary Camilleri
vs
Emanuel Degiorgio

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli bejn l-1 ta' Dicembru 2000 u t-28 ta' Frar, 2002 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti,izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, wara li fil-kapacita tieghu ta' Direttur tas-socjeta Bad Boy Cleaning Services Ltd., approprja, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' LM24389.11 migbura mis-socjeta' bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz

tieghu.  Dan bi ksur ta’ l-Artiklu 18, 293, 294 u 310 (1) (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-3 ta’ Frar, 2004 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet that dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 18, 293, 294, 310 (1) (a) tal-Kodici Kriminali u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi deciza u trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li tressqu, il-provi li gew prodotti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-20 ta’ April, 2006.

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti issibu hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha, wara li rat l-Artikoli imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-3 ta’ Frar, 2004.

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta u ikkoppera mal-Prosekuzzjoni matul l-investigazzjoni.  Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi Paul Scicluna, rapprezentant tal-VAT department iddikjara illi l-imputat f’isem is-socjeta’ Bad Boy Limited hallas lill-VAT department, fi ftit gimghat l-ammont kollu dovut minnu lid-Dipartiment.  Huwa kien hallas minghajr pregudizzju, izda ma hemm l-ebda appell pendenti u l-VAT Department ma ghandu l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront tal-imputat fuq imsemmi.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut.  Ghalhekk, wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap.

446, filwaqt illi tilliberah tobbligah li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilitajiet tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------